# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 4**

**Rikors numru 735/04 SM**

**Oreste Cilia bħala direttur u azzjonista fis-soċjeta` Cilia Products Limited (C 4378)**

**v.**

**Daniel Cilia u Maurice Cilia f'isimhom proprju kif ukoll għan-nom u fl-interess tas-soċjeta` Cilia Products Limited**

**Il-Qorti:**

1. L-attur appella mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Jannar 2015 li kienet tirrigwarda proċedura li saret skont l-Artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta). Fir-risposta tal-appell tagħhom, Daniel u Maurice Cilia rrilevaw li lanqas huma ma jaqblu

mas-sentenza appellata safejn l-istess ċaħdet l-eċċezzjonijiet tagħhom, u għalhekk talbu wkoll ir-riforma tal-istess sentenza.

2. Mill-atti jirriżulta li:

2.1. Peremzz ta' rikors ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2005 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili a tenur tal-Artikolu 402 tal-Kap 386, Oreste Cilia ppremetta illi huwa u ħutu l-intimati huma kollha azzjonisti f'sehem ugwali kif ukoll diretturi fis-soċjeta` Cilia Products Limited. Sostna li l-intimati Daniel u Maurice Cilia ilhom għal dawn l-aħħar xhur jippreġudikawh b'aġir diskriminatorju u oppressiv, kemm bħala direttur kif ukoll bħala impjegat u azzjonista tal-istess soċjeta` billi:

- f'April tas-sena 2003 oġġezzjonaw li huwa jitħallas għal 80 siegħa xogħol kull ħmistax bħalhom u ppretendew li jibqa' jitħallas għal 50 siegħa kull ħmistax minkejja li beda jaħdem 80 siegħa kull ħmistax kif korraborat bl-FS3 tiegħu ffirmata mill-intimat Daniel Cilia;

- oltre s-salarju, Maurice u Daniel Cilia kienu ilhom ħdax-il sena jgħaddu lilhom infushom kumpens ulterjuri minn wara daharu, li b'kollox jammonta għal Lm22,000, u dan mingħajr il-kunsens tal-Bord tad-diretturi jew tal-azzjonisti. L-impjegati tal-kumpanija wkoll kienu

qegħdin jitħallsu kumpens ta' madwar Lm120 fil-ġimgħa li ma kienx jidher fil-kontijiet u ma kienx awtorizzat mill-Bord tad-diretturi jew tal-azzjonisti. Meta huwa sar jaf b'dan u oġġezzjona, il-kumpens ulterjuri li l-intimati kienu qed jgħaddu lilhom nfushom u lill-impjegati ġie nkluż fis-salarji tagħhom;

- il-proposta li għamel waqt il-laqgħa ġenerali tas-26 ta' Awissu 2003 biex is-salarju tad-diretturi u l-impjegati jinħareġ b'*cheque* tal-kumpanija ġiet opposta bl-eċċezzjoni tas-salarji tal-impjegati;

- mill-2001, mingħajr raġuni valida, ġie mċaħħad mill-bonus dovut lilu *qua* impjegat;

- l-impjegati jiġu ingaġġati u mkeċċija minn Daniel u Maurice Cilia taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidrilhom huma mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Bord tad-Diretturi jew tal-azzjonisti;

- it-tmexxija ta' Cilia Products Limited mhux issir kif suppost u huwa qed jiġi mċaħħad mill-poter fl-immaniġġjar tal-istess soċjeta`;

- l-intimati pproponew laqgħa ġenerali tas-soċjeta` intimata fil-15 ta' Lulju 2004 sabiex huwa jitneħħa minn direttur, iżda din il-laqgħa ma saritx peress li ppreżenta rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;

- l-intimati pproponew laqgħa ġenerali oħra fil-11 ta' Awissu 2004 sabiex ikunu approvati l-*financial statements* tad-29 ta' Frar 2004, '*confirmation and election of directors'* u '*appointment of auditors'.* L-*accountant* Charles Farrugia, mibgħut minnu bħala *proxy* tiegħu, ma ngħatax l-informazzjoni li talab dwar l-'*accounts'*. Fl-istess laqgħa, minkejja li ħadd mid-diretturi eżistenti ma kien irreżenja jew irtira, Maurice u Daniel Cilia ħatru lilhom infushom diretturi iżda vvutaw kontra '*l-elezzjoni'* tiegħu bħala direttur.

Jgħid li l-uniku mod kif seta' jitneħħa minn direttur huwa abbażi tal-Artikolu 140 tal-Att dwar il-Kumpaniji u peress li din il-proċedura ma ġietx segwita, għadu direttur u għandu d-dritt jattendi fil-laqgħat kollha tal-Bord tad-Diretturi u jiġi notifikat bl-avviżi tal-laqgħat. Peress li l-intimati Cilia rrifjutaw li jagħmlu dan, talab lill-Qorti sabiex a tenur tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji:

> *'(i) tipprojbixxi lill-intimati Daniel Cilia u Maurice Cilia milli jieħdu aktar deċiżjonijiet dwar it-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-soċjeta` intimata Cilia Products Limited mingħajr l-involviment tal-esponenti Oreste Cilia;*
>
> *"(ii) tordna lill-intimati diretturi Maurice u Daniel Cilia jagħtu avviżi tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi wkoll lill-esponenti Oreste Cilia fil-kwalità tiegħu ta' direttur;*
>
> *"(iii) tordna lis-soċjeta` intimata Cilia Products Limited tħallas lill-esponenti s-salarju dovut lilu;*
>
> *"(iv) tirregola t-tmexxija tal-affarijiet tas-soċjeta` intimata Cilia Products Limited għall-futur;*

*"u dana taħt dawk il-kondizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

*"Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandati ta' inibizzjoni numri 1278/04 u 1757/04 fl-ismijiet Oreste Cilia -vs- Cilia Products Limited, Daniel Cila u Maurice Cilia.'*

2.2. Rat ir-risposta ppreżentata mill-intimati Daniel Cilia u Maurice Cilia f'isimhom proprju kif ukoll ghan-nom u fl-interess tas-soċjeta` Cilia Products Limited, fejn huma sostanzjalment wieġbu illi:

(i) in linea preliminari r-rikors huwa rritwali peress li Oreste Cilia ma huwiex direttur tas-soċjeta` Cilia Products Limited billi ma ġiex elett fis-seduta annwali ġenerali tal-11 ta' Awissu 2004;

(ii) ir-rikorrent bħala direttur m'għandux dritt li jaġixxi ghan-nom tas-soċjeta` li allegatament jirrappreżenta kontra tiegħu nnifsu u l-Artikolu 402 jagħti dritt ta' azzjoni lill-membri biss;

(iii) il-fatt li r-rikorrent qiegħed jaġixxi kemm baħala direttur kif ukoll bħala azzjonist hija kontradizzjoni u għalhekk ir-rikors huwa irritwali u mhux legalment sostenibbli;

(iv) fil-mertu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2.3. B'sentenza mogħtija fit-8 ta' Jannar 2015, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet billi ċaħdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari sollevati mill-intimati, u filwaqt illi ċaħdet it-tielet talba, laqgħet l-ewwel, it-tieni u r-raba' talba tar-rikorrent u pprovdiet illi:

*'46.5.1. Illi l-intimati ghandhom josservaw pedissewkement l-istatut tas-socjeta` in dizamina u l-provedimenti tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*"46.5.2. Illi b'effett immedjat id-diretturi tas-socjeta` de quo ghandhom jittutelaw l-interessi ta' l-istess socjeta` u tal-azzjonisti taghha a bazi tal-istatut regolatorju talistess socjeta`;*

*"46.5.3. Illi l-Bord tad-Diretturi, li ghandu ghalhekk jinkludi kemm lill-intimati kif ukoll lir-rikorrenti, ghandu jiltaqa` fi zmien xahar (1) mill-lum biex:*

*"46.5.3.i Jiddeciedi b'mod car u trasparenti l-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-impjegati tassocjeta` de quo;*

*"46.5.3.ii. Jiddeciedi pagi dinjituzi ghallimpjegati tal-istess;*

*"46.5.3.iii. Jiddeciedi beneficcji ohra rilevanti ghallistess impjegati;*

*"46.5.3.iv. Jiddeciedi remunerazzjoni xierqa ghad-diretturi tal-istess socjeta`;*

*"46.5.3.v. Illi avviz ghas-suriferit ghandu wkoll jinghata lir-rikorrenti;*

*"46.5.3.vi. Illi l-awditur tas-socjeta` de quo ghandu, fid-dawl tal-gurament tal-warrant professjonali tieghu, jassigura ruhhu b'mod dirett li l-attivita`socjetarja in dizamina ssir skont il-ligi u mhux jistrieh fuq informazzjoni li tista` tigi mghoddija lilhu minn xi parti involuta;*

*"**DECIDE re Kap ta' l-Ispejjez**:*

*"47.0. Illi finalment in vista tal-problematika kollha involuta, l-ispejjez ta' din il-vertenza ghandhom jitqasmu fil-kwoti segwenti:*

*"47.1. Kwart (1/4) tal-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti;*

*"47.2. Tlett kwarti (3/4) tal-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-intimati.'*

3. Mis-sentenza appella Oreste Cilia '*bħala direttur u azzjonista fis-soċjeta` Cilia Products Limtied (C 4378).* L-aggravju tiegħu limitat għal dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet it-tielet talba tiegħu u ġie akkollat lilu terz tal-ispejjeż. Għar-raġunijiet imfissra fl-appell tiegħu tas-27 ta' Jannar 2015, talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

> *'filwaqt li tikkonfermaha fejn laqgħat it-talbiet tal-esponenti u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati proprio et nomine, tirrevokaha fil-bqija u minflok tilqa t-talbiet kollha tal-esponenti appellanti inkluż it-tielet talba tiegħu u b'hekk tagħti ordni lis-soċjeta` intimata Cilia Products Limited tħallas is-salarju dovut lill-esponenti għab-bażi tal-artrikolu 402(3)(ċ) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimati appellati.'*

4. Rat illi fis-17 ta' Frar 2015 l-intimati Daniel u Maurice Cilia ppreżentaw ir-'*Risposta tal-Appell'* tagħhom permezz ta' liema jgħidu li lanqas huma ma jaqblu mas-sentenza tal-ewwel Qorti u li '*qabel ma l-esponenti jgħaddu biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-mertu tat-talbiet tal-appellant sejrin jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-eċċezzjoni preliminari minnhom avvanzata u ċioé illi fir-rikors promotur ir-rikorrent Oreste Cilia qiegħed jidher u jaġixxi kemm bħala direttur kif ukoll azzjonist tas-soċjeta` "Cilia Products Limited" u dan fil-konfront u kontra l-appellati Daniel Cilia u Maurice Cilia f'isimhom proprju u fl-interess tal-istess soċjeta` "Cilia Products Limited"*. Skont il-konvenuti din hija kontradizzjoni li twassal għan-nullita` tar-rikors. Fil-mertu, '*preċiżament dwar in-numru (i) (ii) u (iv)* jikkontendu li jirriżulta mill-provi li bħala diretturi tas-soċjeta` intimata huma eżerċitaw id-drittijiet u obbligi tagħhom skont il-liġi b'mod diliġenti u onest u kien ir-rikorrent li ostakola

u ma kkooperax fl-amministrazzjoni tas-soċjeta`. Dwar it-talba (iii) jgħidu li l-liġi tipprovdi għall-ħlas ta' kumpens għal telf jew dannu soffert bħala riżultat ta' xi att jew omissjoni da parti ta' xi membru mhux biex jiġi kanonizzat ħlas ta' salarju b'ordni tal-Qorti. Jikkonkludu li:

> '*Għaldaqstant l-esponenti jissottomettu illi s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Jannar 2015 għandha tiġi riformata billi tiġi revokata fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-appellati proprio et nomine kif ukoll fejn laqgħet it-talbiet tal-appellant u tiġi konfermata fejn ċaħdet it-tielet talba tar-rikorrent referibbli għal pagament pretiż tas-salarju dovut lilu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.*'

5. Rat illi fis-16 ta' Marzu 2015 l-attur ippreżenta tweġiba għall-appell inċidentali fejn argumenta illi: (i) in linea preliminari '*l-appell inċidentali interpost mill-intimati Daniel Cilia u Maurice Cilia huwa rritwali u null*' kemm minħabba irregolarità tan-notifika tal-att innifsu kif ukoll minħabba nuqqas ta' forma; (ii) bla preġudizzju, l-appell sar biss f'isem Daniel u Maurice Cilia u mhux mis-soċjeta` Cilia Products Limited; (iii) l-ewwel Qorti kienet ġusta fil-fatt u fid-dritt meta ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati; u (iv) fil-mertu ma tressqu l-ebda motivazzjonijiet impellenti biex din il-Qorti ta' reviżjoni tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti u l-provi juru li l-affarijiet tal-kumpanija tmexxew jew qed jitmexxew b'mod oppressiv, mhux ġust u diskriminatorju, bi preġudizzju għalih bħala membru.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

<u>It-Tweġiba ta' Daniel u Maurice Cilia u l-appell inċidentali.</u>

6. Fl-ewwel lok il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel eċċezzjoni tar-rikorrent b'referenza għall-appell inċidentali. Isostni li l-appell inċidentali tal-intimati hu null *"..... minħabba l-irregolarita' tan-notifika tal-att li bih ġie interpost l-appell inċidentali, u fit-tieni lok minħabba nuqqas fil-forma tal-istess att"*.

7. L-Artikolu 240 tal-Kap 12 jipprovdi:-

> *'240.(1) Kull parti tista' tinqeda b'appell li jsir minn sentenza, magħduda sentenza parzjali u minn kap wieħed jew iżjed ta' kull sentenza, jew minn digriet interlokutorju, u tista' mhux biss tagħmel appell inċidentali dwar is-sentenza definittiva, sentenza parzjali, kap wieħed jew iżjed ta' sentenza, jew digriet interlokutorju li jsir appell minnu, iżda wkoll dwar kull sentenza jew kull kap tagħha jew digrieti interlokutorji mogħtija fl-istess kawża ukoll jekk ma jsirx appell minnhom minn min jappella. Dak l-appell inċidentali jista' jsir ukoll kontra u minn kull parti li ma tkunx waħda li kontra tagħha jkun sar l-appell skont l-artikolu144(1):*
>
> *"Iżda parti ma tistax hekk tinqeda b'dak l-appell dwar sentenza partikolari jekk dik il-parti tkun diġà appellat minn dik is-sentenza jew minn xi kap tagħha.*
>
> *"(2) Dik il-parti li tkun bi ħsiebha tinqeda b'dak l-appell għandha tagħmel dikjarazzjoni f'dak is-sens fir-risposta fejn issemmi t-talbiet tagħha u r-raġunijiet għall-appell inċidentali tagħha'*.

8. L-intimati m'għamlu l-ebda dikjarazzjoni tat-tip li jissemma f'subartikolu (2). Qalu biss li '*ma jaqblux mas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet'* tagħhom u ressqu '*l-osservazzjonijiet tagħhom'* dwar punt preliminari kif ukoll dwar it-talbiet (i), (ii) u (iv) milqugħa mill-ewwel Qorti.

9. L-appellant Oreste Cilia jirreferi għall-Artikolu 164(1) tal-Kap. 12. Dan jipprovdi li salv għall-'*Artikolu 175, ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor*'. Dik id-dispożizzjoni hi irrilevanti għal finijiet ta' appell inċidentali, li l-intimati ressqu fit-tweġiba għall-appell tar-rikorrent. Mill-Artikolu 240(2) tal-Kap. 12 hu ċar li appell inċidentali jsir fir-risposta.

10. Dak li semmai hemm nieqes fit-tweġiba hi d-dikjarazzjoni li tissemma f'subartikolu (2) tal-Artikolu 240.

11. Fis-sentenza **Richard Matrenza v. L-ufficjal tal-Valutazzjoni ta' l-Artijiet et** tad-29 ta' April 2005, din il-Qorti qalet:

> *'dan l-artikolu jitlob dikjarazzjoni tal-parti li hija tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-appell principali biex tappella incidentalment. Haga li ma saritx fil-kaz odjern.*
>
> *"Gie izda ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Pietro Paolo Psaila et v. Salvatore Ciantar****, deciza fit-30 ta' Gunju 1947 li,*
>
> *"Ghalkemm l-appellat fil-forma ta' dan l-appell incidentali naqas li juza l-formola tradizzjonali f'din il-Qorti fis-sens illi l-appellat jiddikjara li jipprevalixxi ruhu mill-appell avversarju; izda b'dak li qal…. wera bizzejjed l-intenzjoni tieghu li jappella mill-kap ta' dik is-sentenza fejn huwa jhossu aggravat, meta huwa esplicitament qal li huwa jiddikjara li jappella minn dak il-kap. Il-fini precipwu tal-ligi huwa illi l-appellat jiddikjara fir-risposta illi in vista li hemm appell principali huwa qieghed jaghmel appell minn xi kap ta' dik is-sentenza, u dan il-vot tal-ligi huwa ottemperat meta l-appellat iddikjara li hu jappella minn kap specjali ta' dik is-sentenza fil-kaz illi l-appell principali jigi kawtelat."*

> *"9. Fil-kaz in ezami l-appellati Xuereb jghidu li ma kienux se jintavolaw appell incidentali fir-rigward ta' l-ispejjez izda fl-istess waqt jissottomettu li l-eccezzjonijiet taghhom ma kienux gew ikkunsidrati b'mod approfondit mill-ewwel Qorti u kellhom jigu milqugha. Huma jispjegaw fit-tul irragunijiet ghala jhossu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata u mbaghad fil-parti finali tar-risposta taghhom jitolbu esplicitament l-Qorti "tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din cahdet it-talbiet attrici billi tilqa' sia leccezzjonijiet ta' l-esponenti fil-mertu kif ukoll l-ewwel, it-tielet u r-raba' u l-hames eccezzjoni sollevata minnhom."*
>
> *"Jirrizulta ghalhekk sufficjentement li huma kienu qeghdin tassew jinterponu appell incidentali fuq dawn leccezzjonijiet.*
>
> *"Din il-Qorti trid taghmilha cara li dan hu hekk in vista ta' dak li hemm kontenut fil-parti konkluziva tar-risposta ghaliex altrimenti ma kienitx tqis dak li gie sottomess, imqar jekk fit-tul, bhala li jammonta ghal appell incidentali kif titlob il-ligi tal-procedura.'*

12. Ir-rikorrent ilmenta li dak li sar mill-appellati, *"jiżgwida l-parti li tirċevih għaliex jindika mod u l-kontenut tiegħu jindika moe ieħor, teżisti n-nullita` tal-istess att"*. Pero` mir-risposta li ppreżenta l-istess rikorrent hu ċar li fehem li l-intimati pproponew appell inċidentali. Tant hu hekk li wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu l-Qorti għandha tiċħad l-appell inċidentali (ara sezzjoni tat-tweġiba intestata *'B. L-Appell Inċidentali'*). Il-Qorti żżid li l-liġi mhijiex tikkontempla n-nullita` f'każ li ma ssirx id-dikjarazzjoni, u li l-Qorti tifhem li hi meħtieġa bħala avviż ċar lill-appellant li l-appellat qiegħed jinqeda bit-tweġiba sabiex jappella wkoll.

13. Dwar notifika tal-appell inċidentali, hu fatt li t-tweġiba kienet notifikata biss lill-avukat difensur tar-rikorrent. Skont l-Artikolu 144 tal-Kap. 12 in-notifika kellha ssir personalment lir-rikorrent. Madankollu dak il-fatt ma jiddeterminax il-validita` o meno tal-appell inċidentali iżda

semmai n-notifika tal-appell inċidentali.  F'kull każ ir-rikorrent wieġeb fil-meritu għall-appell inċidentali li ppreżentaw l-intimati Daniel u Maurice aħwa Cilia.

L-appell inċidentali.

14. Kif osserva r-rikorrent, it-tweġiba saret f'isem Daniel Cilia u Maurice Cilia personalment.  Il-kumpanija ma ssemmitx.  Fil-fatt fil-bidu tat-tweġiba hemm stampat il-kliem: *"Risposta tal-Appell tal-intimati Daniel Cilia u Maurice Cilia"*.

15. Fil-korp tat-tweġiba għall-appell tar-rikorrent, l-appellati qalu li '*ma jaqblux mas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet*' tagħhom u f'dak ir-rigward għamlu dawk li rreferew għalihom bħala '*l-osservazzjonijiet tagħhom'.*  Fil-paragrafu finali tar-risposta talbu lil din il-Qorti sabiex 'tirriforma' s-sentenza appellata billi:-

> *"tiġi revokata fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-appellati proprio et nomine kif ukoll fejn laqgħet it-talbiet tal-appellant u tiġi konfermata fejn ċaħdet it-tielet talba tar-rikorrent riferibbli għal pagament pretiż tas-salarju dovut lilu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant"*.

16. Għalkemm jista' jsir l-argument li t-talba hi monka għaliex ma fihiex talba wkoll sabiex din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet li ġew miċħuda mill-ewwel Qorti, pero` dak in-nuqqas jista' jiġi sanat b'applikazzjoni tal-

Artikolu 143(5) tal-Kap. 12. F'kull każ, hu impliċitu fit-talba li l-konvenuti qegħdin jitolbu li din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet li ċaħdet l-ewwel Qorti.

17. L-intimati jsostnu illi kif ingħad *'fl-eċċezzjoni preliminari minnhom avvanzata u ċioé illi fir-rikors promotur ir-rikorrent Oreste Cilia qiegħed jidher u jaġixxi kemm bħala direttur kif ukoll azzjonist tas-soċjeta` "Cilia Products Limited" u dan fil-konfront u kontra l-appellati Daniel Cilia u Maurice Cilia f'isimhom proprju u fl-interess tal-istess soċjeta` "Cilia Products Limited",* hija kontradizzjoni li ġġib ir-rikors promotur null u rritwali. Jisħqu li huwa legalment assurd li Oreste Cilia bħala direttur ta' din is-soċjeta` jaġixxi f'ismu personali kontra l-istess soċjeta` li qiegħed jirrappreżenta.

18. Ir-rikors promotur sar minn 'Oreste Cilia'. Fl-okkju tal-istess att iddikjara li qiegħed jidher '*bħala direttur u azzjonista fis-soċjeta` Cilia Products Limited'.* Huwa ċar illi l-azzjoni saret minn Oreste Cilia personalment u mhux għan-nom tas-soċjeta` Cilia Products Limtied, tant li fir-rikors promotur ħarrek ukoll lill-kumpanija. Il-Qorti tifhem li fl-okkju r-rikorrent sempliċement iddikjara x'pożizzjoni jokkupa fil-kumpanija Cilia Products Limited probabbilment sabiex juri l-interess li jipproponi l-proċeduri *a tenur* tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386. Dik id-dispożizzjoni taqra:

> *'402.(1) Kull membru ta' kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod*

> *mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħt dan l-artikolu.'*

19. Skont l-istess Att '*"membru", ħlief fejn speċifikament imfisser xort' oħra, tfisser <u>azzjonista</u> ta' kumpanija u <u>soċju</u> f'kull soċjeta` kummerċjali oħra*'.

20. Mhuwiex kontestat li r-rikorrent huwa azzjonist fis-soċjeta` ntimata u għalhekk kellu kull dritt jipproponi l-proċedura ġialadarba ħassu nġustament preġudikat. Huwa minnu wkoll li ddikjara li huwa jokkupa wkoll il-kariga ta' direttur tal-istess soċjeta`. Dikjarazzjoni bħal dik ma twassalx għan-nullita` tar-rikors promotur. Irrispettivament mill-fatt li r-rikorrent hu direttur, hu 'l fatt li hu wieħed mill-azzjonisti tal-kumpanija li jagħtih il-jedd li jirrikorri għal din il-proċedura speċjali taħt l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386).

21. Għalhekk l-ewwel Qorti kellha raġun tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

22. L-appellati ressqu wkoll argumenti dwar it-talbiet numru (i), (ii) u (iv) tar-rikors promotur. F'dan ir-rigward ilmentaw illi mill-provi irriżulta li bħala diretturi eżerċitaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'mod diliġenti u onest u kien ir-rikorrent li dejjem ostakola u ma kkooperax fl-amministrazzjoni tas-soċjeta`. Jgħidu li f'diversi okkażjonijiet ir-rikorrent

naqas milli jerfa' r-responsabbilta` tiegħu ta' direttur fl-interess tas-soċjeta` u f'dan ir-rigward irreferew għal meta r-rikorrent:-

(a) irrifjuta li jagħti garanzija personali lill-bank għal ħlas ta' debitu tas-soċjeta`;

(b) ipproċeda b'mandati ta' sekwestru u inibizzjoni kontra s-soċjeta` intimata; u

(c) f'diversi okkażjonijiet kien naqas li jattendi għal-laqgħat li saru mid-diretturi bħala Bord u huma kellhom jaġixxu waħedhom sabiex is-soċjeta` tkompli topera regolarment.

23. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fil-mertu dwar l-ewwel, it-tieni u r-raba' talba tar-rikorrent kienu s-segwenti:

> *'42.1. Illi r-reazzjoni tal-intimati ghall-modus operandi tar-rikorrenti fi hdan il-kumpanija in dizamina ma kellhiex tkun tali li twassal lir-rikorrenti jigi imwarrab mill-istess socjeta` biex b'hekk jiehdu l-istess socjeta` f'idejhom;*
>
> *"42.2. Illi hu proprju dan it-tip t'agir li hu punit permezz tal-artiklu 402 tal-Kap 386 fuq riferit;*
>
> *"42.3. Illi ghalhekk, il-lanjanza tar-rikorrenti hi wahda legittima li jisthoqqilha l-avall ta' din il-qorti;*
>
> *"...*
>
> *"43.0. Illi tenut kont tas-suespost b'referenza ghall-ewwel talba tar-rikorrenti jigi sintetikament ribadit is-segwenti:*

*“43.1. Illi r-rikorrenti, kif fuq gia` stabbilit, kien u ghadu direttur tas-socjeta` in dizamina;*

*“43.2. Illi ghalhekk, kull decizjoni fi hdan l-istess socjeta`, inkluz fl-amministrazzjoni taghha, tirrikjedi l-avall anke tar-rikorrenti;*

*“DECIDE:*

*“43.3. Illi konsegwentement l-ewwel talba tar-rikorrenti li l-intimati jigu projbiti milli jiehdu decizjonijiet rigwardanti t-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-socjeta` de quo minghajr l-involviment tar-rikorrenti qed tigi debitament milqugha;*

*“Ikkunsidrat:*

*“44.0. Illi rigward it-tieni lanjanza tar-rikorrenti, senjatament dik koncernanti l-obbligu tal-intimati li jaghtu avviz lir-rikorrenti qua direttur tas-socjeta` de quo, ghall-laqghat tal-Bord tad-Diretturi, jinghad sintetikament is-segwenti:*

*“44.1. Illi in effetti l-intimati jsostnu li huma espletaw dan l-oneru tramite is-segretarju tal-istess socjeta`;*

*“44.2. Illi kien l-istess rikorrenti li ghazel li ma jattendix ghall-laqgha prefissata u li minflok, jibghat prokuratur tieghu;*

*“44.3. Illi kif irriteniet l-abbli espert legali surriferita jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti tirrizulta li:*

*“44.3.1. Hi skont l-istatut tas-socjeta` de quo;*

*“44.3.2. Hi skont id-dettam tal-artiklu 402 (3) tal-imsemmi Kap 386;*

*“**DECIDE**:*

*“ 44.4. Illi konsegwentement anke din it-tieni talba tar-rikorrenti qed tigi debitament milqugha;*

*“...*

*“Ikkunsidrat:*

*“46.0. Illi rigward ir-raba` talba tar-rikorrenti, senjatament dik rigwardanti t-tmexxija futura tas-socjeta` Cilia Products Limited, jinghad sintetikament is-segwenti:*

*“46.1. Illi l-intimati jissottomettu li imxew ai termini tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*"46.2. Illi ghalhekk huma jirrespingu bhala infondati l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti;*

*" 46.3. Illi s-socjeta` in dizamina hi:*

*" 46.3.1. Socjeta` tal-familja;*

*"46.3.2. Originarjament immexxjia mill-ahwa subien kollha sakemm irtira wiehed minnhom;*

*" 46.3.3. Illi l-azzjonijiet kienu maqsuma fi kwoti indaqs;*

***"DECIDE**:*

***" 46.4. Illi fir-rigward ta' din ir-raba` talba tar-rikorrenti tosserva li din hi legittimament ibbazata fuq l-artiklu 402 (3) (a) tal-Kap 386 fuq riferit;***

***" 46.5. Illi f'dan il-kuntest, taghmel ukoll taghha l-indikazzjonijiet sollevati mill-imsemmija abbli espert legali fuq riferita u allura tindirizza lill-kontendenti kif ser jigi elenkat:***

*"46.5.1. Illi l-intimati ghandhom josservaw pedissewkement l-istatut tas-socjeta` in dizamina u l-provedimenti tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*"46.5.2. Illi b'effett immedjat id-diretturi tas-socjeta` de quo ghandhom jittutelaw l-interessi ta' l-istess socjeta` u tal-azzjonisti taghha a bazi tal-istatut regolatorju tal-istess socjeta`;*

*"46.5.3. Illi l-Bord tad-Diretturi, li ghandu ghalhekk jinkludi kemm lill-intimati kif ukoll lir-rikorrenti, ghandu jiltaqa` fi zmien xahar (1) mill-lum biex:*

*"46.5.3.i Jiddeciedi b'mod car u trasparenti l-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-impjegati tas-socjeta` de quo;*

*"46.5.3.ii. Jiddeciedi pagi dinjituzi ghall-impjegati tal-istess;*

*"46.5.3.iii. Jiddeciedi beneficcji ohra rilevanti ghall-istess impjegati;*

*"46.5.3.iv. Jiddeciedi remunerazzjoni xierqa ghad-diretturi tal-istess socjeta`;*

*"46.5.3.v. Illi avviz ghas-suriferit ghandu wkoll jinghata lir-rikorrenti;*

*"46.5.3.vi. Illi l-awditur tas-socjeta` de quo ghandu, fid-dawl tal-gurament tal-warrant professjonali tieghu, jassigura ruhhu b'mod*

*dirett li l-attivita`socjetarja in dizamina ssir skont il-ligi u mhux jistrieh fuq informazzjoni li tista` tigi mghoddija lilhu minn xi parti involuta;'*

24. L-intimati argumentaw li ma jaqblux mas-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet, u qalu x'kienu r-raġunijiet.

25. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni, l-intimati ma taw l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti għandha tħassar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti. L-ewwel eċċezzjoni fir-risposta li ppreżentaw fl-ewwel Qorti taqra:-

*"Illi in linea preliminari dan ir-rikors huwa irritwali peress li Oreste Cilia ma huwiex direttur tas-soċjeta` Cilia Products Limited billi* ***ma ġiex elett fis-Seduta Annwali ġenerali tas-seduta li saret fil-11 ta' Awissu 2004****, konformament mal-provvedimenti tal-Att nru XXV ta' 1995 u għahekk dan ir-rikors għandu jiġi miċħud".*

26. Għalhekk hu evidenti li l-intimati aħwa Cilia jippretendu li r-rikorrent mhuwiex direttur tal-kumpanija minħabba dak li ġara fl-imsemmija laqgħa. Wieħed irid jiftakar li din il-kumpanija għandha bħala azzjonisti lit-tliet aħwa Cilia u t-tlieta li huma diretturi. Fil-fatt meta ħuhom ieħor ma baqax involut fil-kumpanija, l-ishma inqasmu bejn il-partijiet. Il-Qorti taqbel mal-fehma li esprimiet il-perit legali u konfermata mill-ewwel Qorti, li f'dan il-każ hemm sitwazzjoni ta' *quasi-partnership*. Dan meta tqis li:-

i. Il-kumpanija saret bejn l-aħwa minħabba ovvjament fiduċja li kellhom f'xulxin;

ii. Evidentement l-intendiment li kull wieħed minnhom kellu jkun involut fit-tmexxija tal-kumpanija tant hu hekk li t-tlieta li huma inħatru bħala diretturi;

iii. Hemm restrizzjonijet fil-mod kif jiġu trasferiti l-ishma (ara paragrafi 16 sa 20).

27. L-ewwel Qorti qalet:-

*'27. Illi fic-cirkostanzi tas-suespost ghalhekk jigi indirizzat il-kwezit jekk ir-rikorrenti kienx effettivament direttur meta intavola l-procedura odjerna;*

*"28.0. Illi f'dan ir-rigward l-abbli perit legali fuq riferita issottolineat is-segwenti:*

*"28.1. Illi fil-kawza Direttur tas-Sigurta` Socjali vs. Paul Vella pro et noe, (Appell: 29 t'April, 1996), gie ritenut li:*

*"... meta t-termination ta' direttur ma tirrizultax mill-memorandum jew articles of association, tali termination ma tkunx fis-sehh qabel ma Form K tkun registrata". (Vide foll 389 tal-Principles of Maltese Company Law), (tal-Professur Andrew Muscat), (ara foll 595);*

*"28.2. Illi fid-dawl tas-suespost, din il-qorti tiddikjara li taqbel mall-konkluzjoni tal-istess abbli perit legali fuq riferita, (ara foll 531), u konsegwentement tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, (ara paragrafu numru tnejn punt wiehed, (2.1.), aktar qabel);'*

28. Jirriżulta li fil-laqgħa annwali ġenerali tal-azzjonisti li saret fil-11 ta' Awissu 2004, inħatru diretturi ġodda. Dawn huma l-intimati. Fil-minuti jingħad:

> *"Mr Daniel Cilia, Mr Maurice Cilia and Mr Oreste Cilia presented themselves again for re-election. The shareholders were asked to table their vote, which resulted as follows:*
>
> *"Mr Daniel Cilia – 3000 votes in favour*
> *"Mr Maurice Cilia – 3000 votes in favour*
> *"Mr Oreste Cilia – one thousand votes in favour and two thousand against*
>
> *"Mr Daniel Cilia and Mr Maurice Cilia were re-elected to the Board unanimously whereas Mr Oreste Cilia did not obtain the two-thirds of the votes required for re-election".*

29. Jirriżulta li qabel dik il-laqgħa, l-intimati kienu diġa` pprovaw ineħħu lir-rikorrent minn direttur waqt laqgħa straordinarja tal-azzjonisti li kellha ssir fil-15 ta' Lulju 2004 (ara avviż tal-laqgħa u abbozz ta' riżoluzzjoni a fol. 33 u 34). Pero` r-rikorrent irnexxielu jimblokka dik il-manuvra permezz ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Evidentement b'dak li sar fil-laqgħa tal-11 ta' Awwissu 2014, l-intimati pprovaw jagħmlu tentattiv ieħor sabiex iwarrbu lir-rikorrent mit-tmexxija tal-kumpanija. Elezzjoni li saret mingħajr ħadd mid-diretturi ma kien irtira minn dik il-kariga. Fil-minuti tniżżel li saret votazzjoni dwar jekk ir-rikorrent għandux ikun maħtur bħala direttur, u r-riżultat kien kontra li jinħatar f'dik il-kariga. Tant l-intimati riedu li r-rikorrent jitwarrab, li fil-laqgħa ġenerali tal-11 ta' Novembru 2005 reġgħet saret elezzjoni tad-diretturi. Jidher li din id-darba wkoll reġgħet saret l-elezzjoni u nħatru l-intimati bħala d-diretturi tal-kumpanija.[1] Dan minkejja l-oġġezzjoni ta' Charles Farrugia li attenda għal dik il-laqgħa fl-interess tar-rikorrent.

[1] Ara kopja tal-minuti ta' dik il-laqgħa li ppreżentaw l-intimati (fol. 324).

30. Il-fatt li fil-minuti tal-laqgħa ta' Awwissu 2004 ma jingħadx li r-rikorrent oġġezzjona għal dak li kien qiegħed isir, ma jfissirx li fir-realta` m'oġġezzjonax. Fil-fatt f'ittra datata 13 ta' Awwissu 2004, l-*accountant* Charles Farrugia kiteb li kien hemm diversi materji li qajjem waqt il-laqgħa, fosthom:

> *"As regards the second item on the agenda 'Election of directors', please note that Mr Oreste Cilia did not present himself for re-election because he did not need to be re-elected and the company's memorandum and articles do not require the directors to reitre before or at the Annual General Meeting. Consequently, as Mr Oreste Cilia did not tender his resignation at the AGM, he is still a director of the company and the other shareholder's decision to re-appoint themselves as directors and exclude Mr Oreste Cilia from this office, is not legally binding".*

31. Id-diretturi tal-kumpanija ma kellhomx *term of office* fiss. Għalhekk ma kien hemm l-ebda bażi sabiex fil-laqgħa tal-11 ta' Awwissu 2004 terġa' ssir elezzjoni għad-diretturi. F'dan ir-rigward ir-rikorrent argumenta:-

> *"6.3 F'kull, pero' kif deċiż mill-ewwel Qorti u anke kif opinat mill-Perit Legali, nonostante l-votazzjoni fil-laqgħa ġenerali straordinarja tal-11 ta' Awwissu 2004 li kienet issejħet mid-diretturi l-intimati Daniel Cilia u Maurice Cilia, l-esponent kien u baqa' direttur tas-soċjeta` intimata Cilia Products Ltd. Id-deċiżjoin tal-11 ta' Awwissu 2004 fejn l-intimati eliġġew lilhom infushom bħala direttur u fejn l-esponenti ma ġiex elett direttur ma kinitx valida stante li, skont l-istatut tal-kumpanija, l-elezzjoni tad-diretturi issir biss jekk id-diretturi jirtiraw jew jirreżenjaw qabel il-laqgħa ġenerali. L-esponenti ma kellux għalfejn imur għal elezzjoni biex jerġa jiġi elett ladarba kien diġa jokkupa l-kariga ta' direttur, u l-istatut tal-kumpanija ma kienx jirrekjedi li d-diretturi jirtiraw kull tant żmien jew qabel jew waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali.*
>
> *"6.4 Jiġi rilvet illi l-esponenti qatt ma rriżenja minn direttur u dan huwa anke konfermat mill-istess intimati Daniel u Maurice Cilia f'korrispondenza skambjata mal-Bank of Valleta fejn l-intimati stess irrikonoxxew (a fol. 293) li l-esponenti huwa direttur bħalhom.*

> *"6.5 L-uniku mod kif jista' jitneħħa direttur huwa għab-bażi tal-artikolu 140 tal-Kap. 386 u l-proċedura hemm stipulata ma ġietx segwita u mal-Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji f'Malta huwa kien u baqa' meqjus bħala direttur kif jirriżulta mid-dokument a fol. 281 tal-proċess anke wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali fuq imsemmija. Għalhekk jirriżulta ċar li l-esponenti qatt ma tneħħa minn direttur u qatt ma saret reġistrazzjoni mar-Reġistratur tal-Kumpanniji dwar tali tneħħija".*

32. Ir-raġunament tar-rikorrent hu legalment korrett. Għalhekk ir-rikorrent baqa' jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-kumpanija Cilia Products Limited ġialadarba mhemmx prova li huwa rriżenja, u għalhekk l-intimati ma kellhom l-ebda jedd li jmexxu n-negozju bl-esklużjoni tiegħu. Fil-fatt f'ittra legali datata 11 ta' Settembru 2008 kopja ta' liema tinsab a fol. 346 tal-proċess, il-kumpanija kkonfermat li d-diretturi huma r-rikorrent u l-intimati. Il-fatt jibqa' li qatt ma saret proċedura għat-tneħħija tar-rikorrent bħala direttur, u għalhekk baqa' jokkupa dik il-kariga. Ġialadarba r-rikorrent kien wieħed mid-diretturi tal-kumpanija, l-appellati ma setgħux jagħmlu fattihom u jagħmlu li jridu bl-iskuża li ma kienx qiegħed jikkopera fl-amministrazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi żgur li l-intimati ma kellhomx jedd li jwarrbu lir-rikorrent u jagħmlu fattihom daqslikieku huma kienu l-uniċi diretturi tal-kumpanija.

33. Bħala azzjonist li kellu ishma daqs kull wieħed minn ħutu l-intimati, ir-rikorrent kellu kull interess li jkun involut fit-tmexxija tal-kumpanija. Wieħed irid jiftakar li f'dan il-każ l-azzjonisti kollha kienu diretturi u l-azzjonisti huma kollha aħwa. Evidentement kienet l-intenzjoni li l-aħwa kollha jkunu involuti fit-tmexxija tal-kumpanija tant hu hekk li

kollha huma diretturi. Pero` bil-manuvra li saret fil-laqgħa ġenerali ta' Awwissu 2004, l-intimati komplew jieħdu l-kontroll tal-kumpanija taħt idejhom u eskludew lir-rikorrent mill-parteċipazzjoni fit-tmexxija tal-kumpanija. Dan ovvjament kien ta' preġudizzju għall-istess rikorrent. Ir-rikorrent xehed, *"Nerġa nikkonferma li ħuti ma huma qed ituni ebda sodisfazzjon għar-rigward tat-tmexxija u l-andament tal-kumpanija. Jiena ġejt ipprojbit ukoll illi niftaħ is-safe tal-kumpanija"*.[2] Bħala azzjonist b'dak is-*set up* partikolari ta' kumpanija kellu aspettativa raġonevoli li jkun involut fit-tmexxija tal-kumpanija billi jipparteċipa attivament fid-deċiżjonijiet li kienu qegħdin jittieħdu mid-diretturi.

34. L-intimati semmew numru ta' nuqqasijiet tar-rikorrent. Hekk per eżempju Daniel Cilia fl-affidavit[3] xehed:

> *"Nixtieq nispjega ċar illi Oreste qatt ma wera interess x'qed jiġri fil-kumpanija, xiri u bejgħ ta' merkanzija, xiri u bejgħ ta' vetturi. Qatt ma ried ikun responsabbli ta' xejn u għadu sal-ġurnata tal-lum igħid li ma jrid responsabbilta'.*
>
> *"Fil-fatt wasal ukoll biex jagħmel sekwestru fuq il-kont bankarju tal-kumpanija biex aħna ma nkunux nistgħu immexxu.*
>
> *"Biex stajna inkomplu immexxu l-Kumpanija jiena u ħija Maurice konna kostretti li nagħtu garanzija personali biex nagħmlu tajjeb għal dan il-kont bankarju.*
>
> *"Nixtieq insemmi ill il-ħinijiet tax-xogħol tal-kumpanija huma mis-sebgħa ta' filgħodu sat-tlieta ta' wara nofsinhar kif jidher mill-payslip tal-paga annessa ma' dan l-affidavit.*
>
> *"Ninnota ta' spiss illi Oreste kuljum joħroġ mill-fabbrika u jitlaq xogħlu, mingħajr ma javża lil ħadd minna u jdum barra mid-disgħa sal-għaxra*

[2] Fol. 52.
[3] Fol. 291.

*ta' filgħodu u minn nofsinhar sas-siegħa ta' wara nofsinhar, b'hekk qed jaħdem sagħtejn anqas minn kulħadd….*

*"Għalkemm kemm-il darba gbidnilu l-attenzjoni għal dan in-nuqqas huwa xorta baqa' jinjorana"*.

35. Fl-ewwel lok il-verżjoni li ta r-rikorrent hi ferm differenti:-[4]

*"Allavolja konna diretturi, ħadd ma kien jikkonsulta ma' xulxin, u kull wieħed minna kien imexxi għal rasu. Diskussjonijiet jew inkellha koordinazzjoni fit-tmexxija ma kinux isiru. Daniel u Maurice Cilia ħadu t-tmexxija f'idejhom b'mod unilaterali u għadhom hekk sal-lum"*.

36. Il-Qorti tkompli tosserva li dwar l-ewwel ilment mhemmx provi ċari u oġġettivi li r-rikorrent ma kienx jinteressah minn dak li kien qiegħed jiġri fil-kumpanija. Għal dak li jirrigwarda l-ilment dwar il-mandat ta' sekwestru, il-fatt li azzjonist jew direttur jikkawtela l-pretensjoni tiegħu permezz ta' att kawtelatorju, mhuwiex prova li għamel hekk b'*mala fede*. Fir-rigward ta' assentijiżmu mill-post tax-xogħol, ingħataw prova ta' warnings bil-miktub pero` mhemmx prova li ttieħdu passi dixxiplinari. Dan apparti li dawn l-ilmenti tal-intimati aħwa Cilia ma jistgħu qatt jiġġustifikaw li jagħmlu dak li sar fil-laqgħa tal-11 ta' Awissu 2004.

37. Jibqa' l-fatt li dak li għamlu l-intimati kien ta' preġudizzju għar-rikorrent. Evidenti li ma ridux li jkollu x'jaqsam mat-tmexxija tal-kumpanija, u fl-istess ħin mhemmx prova li offrewlu li jixtru l-ishma li kellu fil-kumpanija.

[4] Fol. 68.

38. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tasal għal konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha l-ewwel Qorti. Għalhekk tiċħad l-appell inċidentali tal-appellati aħwa Cilia.

L-appell tar-rikorrent.

39. L-appellant jilmenta:-

39.1. Illi l-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-argumenti minnu mressqa fis-sottomissjonijiet li huwa għamel kemm bil-kitba kif ukoll bil-fomm fejn huwa ikkritika l-konklużjonijiet raġġunti mill-Perit Legali; u

39.2. Illi l-bażi taċ-ċaħda tat-tielet talba m'hijiex marbuta mal-mertu iżda għaliex l-ewwel Qorti qieset li r-rimedju mitlub ma kienx provdut mil-liġi taħt l-Artikolu 402(3) tal-Kap. 386. F'dan il-kuntest jikkontendi li l-Qorti naqset milli tqis il-poteri diskrezzjonali wiesa' mogħtija lilha mill-Artikolu 402 tal-Kap. 386 kif interpretat mill-każistika li għandu l-għan aħħari li jagħti rimedju ekwu u ġust li jwassal biex il-preġudizzju lil-azzjonist minoritarju jiġi anjentat. Jilmenta li l-ewwel Qorti qieset żbaljatament dak li jipprovdi l-Artikolu 402(3)(f) tal-imsemmi Att stante li l-kelma 'kumpens' tikkomprendi wkoll ħlas ta'

salarju. Jgħid inoltre li l-ewwel Qorti njorat l-Artikolu 402(3)(ċ) li jagħti lill-Qorti l-fakoltà tordna lil-kumpanija '*tagħmel xi att li r-rikorrent ikun ilmenta li naqset li tagħmel'* inkluż għalhekk li tordna lill-kumpanija intimata tiġi ordnata tħallsu s-salarju dovut lilu. Jisħaq ukoll li *a tenur* tal-Artikolu 402(3)(ċ) tal-Kap. 386 il-Qorti kellha tordna lill-intimati Daniel u Maurice Cilia jirriżarċixxu lura lill-kumpanija l-flejjes żejda li ġew approprjati minnhom indebitament u mingħajr ġustifikazzjoni sabiex jitqiesu bħala profitti tal-kumpanija.

40. Dwar it-tielet talba tal-appellant l-ewwel Qorti qalet:-

*'45.0. Illi rigward it-tielet talba tar-rikorrenti, senjatament dik rigwardanti l-pagament tas-salarju minnu dikjarat allegament dovut lilu mis-socjeta` in dizamina, jinghad is-segwenti:*

*"45.1. Illi ghalkemm fl-artiklu 402 (3) tal-Kap 386 fuq riferit ma jissemmix is-salarju ut sic, pero` hemm referenza fis-subinciz (f) tal-istess artiklu ghall-"hlas ta' kumpens";*

*"45.2. Illi in kontestazzjoni ghall-istess l-intimati jissottolineaw li tali talba ghandha tigi avvanzata mhux taht il-procedura odjerna, izda taht il-ligi ordinarja;*

*"45.3. Illi jirrizulta li l-lanjanza tar-rikorrenti ma tirrigwardax id-dividends lilu negati izda biss is-salarju li tieghu anke pprezenta rendikont dettaljat;*

*"45.4. Illi di piu`, jigi rilevat li tali talba specifika hi indirizzata biss fil-konfront tas-socjeta` in dizamina u mhux kontra l-intimati personalment;*

*"45.5. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Meatland Company Limited et vs. Saviour Micallef****, datata t-12 ta' Dicembru, 2001, li tistabbilixxi:*

> *"... meta dawn is-socjetajiet jimpjegaw xi persuni maghhom, ikunu huma stess, bhala aventi din il-personalita` guridika diversa, li jkun l-principal, u mhux il-membri li jikkomponuhom";*

*"45.6. Illi pero`, kif tissottolinea l-abbli espert legali de quo, il-Kap 386 in dizamina hu ligi specjali u l-artiklu 402 (3) tieghu ma jsemmix il-kelma "salarju" esplicitament, u minflok jissottolinea il-kelma "kumpens";*

*"45.7. Illi ghandu jkun pacifiku li fit-talba in dizamina tieghu r-rikorrenti ghazel li jindirizza s-salarju allegatament lilu negat;*

*"45.8. Illi ghalhekk, anke hawnhekk, din il-qorti tavalla l-konkluzjoni tal-abbli perit legali fir-rigward li affermat li konsegwentement, ma setghetx tilqa` din it-talba tar-rikorrenti stante li l-artiklu 402 (3) in dizamina li fuqu strah l-istess rikorrenti ma jirriferix ghas-sitwazzjoni indirizzata mir-rikorrenti;*

*"**DECIDE**:*

*"45.9. Illi ghaldaqstant, din it-tielet talba tar-rikorrenti qed tigi respinta;'*

41. Din il-Qorti m'hijiex tal-fehma li t-tielet talba tar-rikorrent kellha tintlaqa' għalkemm għal raġuni differenti minn dik li tat l-ewwel Qorti.

42. L-Artikolu 402(1) diġa` ġie riprodott. Rilevanti wkoll hu subartikolu (3) li jelenka r-rimedji li tista' tagħti l-Qorti f'każ li tilqa' t-talba tal-azzjonist. Dawn jinkludu li ordni li:-

*"(f) jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tista' tkun instabet responsabbli mill-qorti għal telf jew danni li jkunu ġġarrbu minħabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun ġarrbet dak it-telf jew danni".*

43. Azzjoni *a tenur* tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tispetta lil kull **membru**, ossija azzjonist, li jħoss li t-tmexxija tas-soċjeta` li fiha għandu sehem tkun oppressiva, diskriminatorja b'mod mhux ġust jew ta' preġudizzju inġust għalih jew għall-membri tal-istess soċjeta` b'mod ġenerali. Jinftiehem mill-istess dispożizzjoni li l-ordnijiet li tista' tagħmel

il-Qorti *a tenur* tas-subartikolu (3) tal-istess artikolu huma ntiżi sabiex jittutelaw l-interessi tal-istess membru/i.

44. F'dan il-każ, l-appellant huwa azzjonist kif ukoll direttur u impjegat tas-soċjeta` intimata. Mid-dokumenti li ppreżenta hu stess jirriżulta li jaħdem bħala administration clerk. Din il-Qorti tifhem li ċertu drittijiet u obbligi li huwa għandu *qua* direttur bla dubju jimpinġu wkoll fuq id-drittijiet tiegħu bħala azzjonist. Hekk per eżempju hu d-dritt u obbligu li jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi, japprova l-ingaġġ ta' impjegati, is-salarji u bonuses li impjegat għandu jitħallas, u l-ispejjeż ta' ċertu portata u jara li l-amministrazzjoni tas-soċjeta` titmexxa b'mod ġust u li ma jkunx ta' preġudizzju għall-azzjonisti.

45. F'paragrafi 14 u 15 tar-rikors tal-appell ir-rikorrent għamel riferenza għal żewġ sentenzi tal-qrati Maltin. Mhuwiex kontestat li l-Art. 402 tal-Kap. 386 jagħti diskrezzjoni wiesa' lill-qorti sabiex l-interess tal-azzjonist ta' kumpanija. Madankollu l-ebda waħda minn dawk is-sentenzi ma kellha fatti bħal dan il-każ.

46. Il-pretensjoni tar-rikorrent li jitħallas is-salarju lilu allegatament dovut hi biss bħala impjegat <u>tas-soċjeta` intimata</u> u xejn inqas. Fatt li m'għandu x'jaqsam xejn mad-drittijiet tiegħu bħala azzjonist. Dan mhux każ per eżempju fejn l-azzjonist ilmenta li kienu ilu snin ma jirċievi

dividend. Ma kien hemm xejn x'iżomm l-attur milli jippreżenta kawża ordinarja sabiex jitħallas dak li jgħid li hu dovut lilu bħala salarju inkluż bonus.

47. Fil-fehma tal-Qorti t-tielet talba tmur lil hinn mill-iskop tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 u *semmai* kellu jirrikorri għall-proċeduri *ad hoc* dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-salarju tiegħu.

48. Wieħed mill-ilmenti tar-rikorrent fir-rikors promotur hu li kien qiegħed jitħallas salarju inqas minn dak dovut lilu. F'dan ir-rigward ippremetta per eżempju li kellu jirċievi salarju ta' Lm124 kull ġimgħa iżda beda jitħallas Lm70 fil-ġimgħa.

49. Skont prospett li ppreżenta r-rikorrent (fol. 184) u intestat *"Discrepancy in Wage due to Oreste Cilia from 04 August 2000 to 28 Dec 2008"*, il-pretensjoni tieghu hi għas-somma ta' €30,586.30. F'dokument li ppreżenta (fol. 183) ta *breakdown* tas-salarju li qiegħed jippretendi. Dan jikkonsisti f'ammonti li jsostni li tnaqqsu mis-salarju tiegħu bejn 1996 – 1999 u 2000 sa 2008. Total ta' Lm30,107.30 li magħha żied is-somma ta' Lm479 bonus għas-snin 2002, 2003 u 2004 li qal li ma tħallasx.

50. Ilment li wasslet lir-rikorrent sabiex jagħmel it-tielet talba. Ir-rikorrent jippretendi li bħala impjegat tal-kumpanija intimata kellu dritt li

jitħallas salarju daqs ħutu, ġialadarba kien jaħdem l-istess sigħat bħalhom b'effett minn April 2003, kif ukoll jirċievi bonus kif kienu jirċievu ħutu u l-impjegati l-oħra (ara fol. 2 tar-rikors promotur). Pero` fir-rendikont inkluda ammonti li jirreferu għall-perjodi qabel l-2003.

51. Fir-rikors tal-appell spjega:

> *"33. Tressqu provi sodisfaċenti sabiex juru illi l-esponenti ġie mċaħħad mis-somma ta' Lm30,586.30 (€71,246.91) rappreżentanti pagi dovuti għas-snin bej 2000 u 2008 kif ukoll bonuses bejn is-sena 1996 u s-sena 2000 kif ukkoll bejn l-2002 u l-2004 kif jirriżulta mid-dokument a fol. 158, 159 u 150 tal-proċess. L-ammont ta' paga dovuta ġie kalkolat fuq l-ammont li kien indikat fuq l-FS3 u l-payslip ta' Lm124 fil-ġimgħa ċjoe ta' Lm248 fil-ħmistax u l-ammont ta' Lm56.50 fil-ħmistax li attwalment kien qed jirċievi l-esponenti bħala paga. Dan ikkonferma Maurice Cilia in kontroeżami meta kkonferma li meta beda jirċievi salarju ta' Lm124 l-esponenti 'effettivament ma kienx jeħodhom'".*

52. Dak hu l-ilment tar-rikorrent, ċioe` n-nuqqas ta' ħlas ta' salarju. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet kollha ħlief għat-tielet talba li biha talab li s-soċjeta` intimata tkun ikkundannata tħallsu s-salarju. Fil-fatt it-talba fir-rikors tal-appell hi proprju sabiex din il-qorti tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti fejn laqgħet it-talbiet tar-rikorrent u ċaħdet l-eċċezzjonjiet, u:

> *"…. Minflok tilqa' t-talbiet kollha tal-esponenti appellanti inkluż it-tielet talba tiegħu u b'hekk tagħti ordni lis-soċjeta` intimata Cilia Products Limited tħallas salarju dovut lill-esponenti għab-bażi tal-artikolu 402(3)(c) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta….".*

53. F'dan is-sens, irrispettivament minn kull interpretazzjoni wiesa' ta' subartikolu (3) tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386, il-pretensjoni tar-rikorrent għall-allegat bilanċ ta' salarju li ma tħallasx ma jistax jintlaqa' f'azzjoni ta'

din ix-xorta. F'*Principles of Maltese Company Law* (Volume Three),[5] il-Profs. Muscat kiteb:

> *"It is clear the wording of the Maltese, Australian and UK provisions that the complainant must show that his interests as a member, and not his interests as a director or creditor, have been adversely affected by the conduct, act or omission complained of. The effect of this rule is however, widened by the relatively broad and flexible interpretation given to the notion of the interest of the member qua member, particularly in the quasi-partnership type of cases. This approach has enabled the courts to recognise that behind a limited company, or amongst it, are individuals with rights, expectations and obligations inter se which are not necessarily submerged in the company structure. It is this approach which has allowed a member who has been removed or excluded from management (including the removal of a member from the office of a director) to seek relief under the unfair prejudice provision. Of course it does not follow that a member may seek redress under the unfair prejudice provision in pursuit of any interest of his. Indeed, if the purpose is unrelated to any interest of his as a member, the claim should be denied"*.

54. L-interess li qiegħed jinvoka r-rikorrent hu bħala impjegat tal-kumpanija u mhux bħala azzjonist tal-istess. Dan irrispettivament mill-fatt li l-kumpanija kellha bħala azzjonisti l-aħwa Cilia. Dan il-każ ma jistax per eżempju jiġi paragunat ma' dak Ingliż **R & H Electric Ltd v. Haden Bill Electrical Ltd** (1995). Każ fejn ir-rikorrent applika għal rimedju taħt dak li kien l-Art. 459 tal-Companies Act dwar *unfair prejudice*. F'dak il-każ ir-rikorrent kien azzjonist fil-kumpanija, kien tramite kumpanija oħra li kellu kontroll assolut tagħha, sellef flus lill-kumpanija. L-azzjonisti maġġoritarji neħħewħ minn kull rwol li kellu fil-management u għalhekk talab għal rimedju taħt l-Art. 459. Il-qorti qalet:

[5] Malta University Press, paġna 1349.

> *"If (the applicant) himself had been (the company's) loan creditor under arrangements made between him and the majority shareholders when the company was first being planned, I should have had little hesitation in coming to the conclusion that the arrangements were a reflection of, and sufficiently closely connected with, (the applicant's) membership of (the company) as to be within the scope of s. 459"*.

55. F'paragrafu 37 tar-rikors tal-appell ir-rikorrent isostni li: '*Fir-rigward ta' dawn il-flejjes li l-intimati approprijaw mill-kumpanija intimata indebitament u mingħajr ġustifikazzjoni, dawn għandhom jiġu riżarċiti lura lill-kumpanija sabiex ikomplu jitqiesu bħala profitti tal-kumpanija. Sabiex dan l-għan jintlaħaq, fl-umli fehma tal-esponenti, dan ir-riżarċiment għandu jiġi ordnat bħala att kif previst taħt l-Artikolu 402(3)(ċ)'*. Dan m'għandu x'jaqsam xejn mas-salarju li talab permezz tat-tielet talba tar-rikors promotur. L-ewwel Qorti ċaħdet biss dik it-talba, u fuq dak hu l-ilment tar-rikorrent. Kif rajna l-kumplament tat-talbiet tar-rikorrent intlaqgħu. Minn qari tar-rikors promotur ma jirriżultax li hemm xi talba relatata ma' dak li f'paragrafu 37 ir-rikorrent iddeskriva bħala aġir li bih ħutu, *"..... naqqru mill-profitti tal-kumpanija mingħajr ma taw rendikont lil ħadd is-somma ta' Lm30,175 kull wieħed, f'pagamenti bejn is-sena 1990 u s-sena 2020"*.

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċiedi l-appell billi:

i. Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tar-rikorrent għall-appell inċidentali tal-intimati.

ii. Tiċħad l-appell inċidentali tal-intimati bl-ispejjeż kontra tagħhom.

iii. Tiċħad l-appell tar-rikorrent bl-ispejjeż kontrih u tikkonferma s-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm